32005R0782

L 131/26 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 25.5.2005

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 782/2005

## ta' l-24 ta' Mejju 2005

## li jistabbilixxi l-format għat-trażmissjoni tar-riżultati dwar l-istatistika ta' l-iskart

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 2150/2002 tal-25 ta' Novembru 2002 dwar l-istatistika ta' l-iskart ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 6(e) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2150/2002, il-Kummissjoni hija meħtieġa tadotta l-miżuri meħtieġa sabiex timplimenta dak ir-Regolament.

(2) Skond l-Artikolu 6(e) tar-Regolament (KE) Nru 2150/2002, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-format xieraq għat-trażmissjoni tar-riżultati mill-Istati Membri.

(3) Il-miżuri previsti minn dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statistiku stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom ([2]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-format xieraq għat-trażmissjoni tar-riżultati dwar l-istatistika ta' l-iskart lill-Kummissjoni (lill-Eurostat) għandu jkun kif ġie stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jużaw dan il-format għad-*data* dwar is-sena ta' referenza 2004 u għas-snin sussegwenti.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni (lill-Eurostat) id-*data* u l-*metadata* meħtieġa mir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 f'forma elettronika, skond standard ta' skambju propost mill-Kummissjoni (mill-Eurostat).

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Mejju 2005.

*Għall-Kummissjoni*
Joaquín ALMUNIA
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 332, 9.12.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 574/2004 (ĠU L 90, 27.3.2004, p. 15).
([2]) ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.

*ANNESS*

## IL-FORMAT GĦAT-TRAŻMISSJONI TAR-RIŻULTATI DWAR L-ISTATISTIKA TA' L-ISKART

Id-*data* għandha tiġi trażmessa b'mod li jkun indipendenti mis-sistema. Id-*data* għandha tiġi trażmessa skond standard ta' skambju propost mill-Kummissjoni (mill-Eurostat).

### Is-settijiet tad-data

Is-settur kopert mir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 dwar l-istatistika ta' l-iskart jikkonsisti f'ħames settijiet ta' informazzjoni:

— Il-ġenerazzjoni ta' l-iskart (GENER)

— L-inċinerazzjoni (INCIN)

— Il-proċessi li jistgħu jwasslu għal irkupru (RECOV)

— Ir-rimi (DISPO)

— In-numru u l-kapaċità tal-faċilitajiet ta' l-irkupru u tar-rimi; il-kopertura ta' l-iskema tal-ġbir ta' l-iskart skond ir-regjun NUTS 2 (REGIO).

Għal kull sett, irid jiġi trażmess fajl. Isem il-fajl jikkonsisti f'sitt partijiet:

| | | |
|---|---|---|
| Is-settur | 5 | Valur: WASTE |
| Is-sett | 5 | GENER, INCIN, RECOV, DISPO, REGIO |
| Il-perjodiċità | 2 | Valur: A2 |
| Il-kodiċi tal-Pajjiż | 2 | Il-kodiċi tal-pajjiż ta' żewġ ittri (ara l-lista A) |
| Is-sena | 4 | Is-sena ta' referenza (l-ewwel sena ta' referenza 2004) |
| Il-perjodu | 4 | Valur: 0000 (żero, żero, żero, żero) għad-*data* annwali |

Il-partijiet ta' isem il-fajl jiġu sseparati minn *underscore*. Se jintuża format ibbażat fuq it-test. Pereżempju, is-sett dwar il-ġenerazzjoni ta' l-iskart mill-Belġju fl-2004 se jkollu l-isem ta' WASTE_GENER_A2_BE_2004_0000.

### Il-valuri nieqsa

Mhux se jkun hemm valuri nieqsa fil-klassifikazzjoni tal-varjabbli (il-kategorija ta' l-iskart, l-attività ekonomika, ir-reġjun tan-NUTS 2, it-tip ta' faċilità tat-trattament ta' l-iskart). Għandhom ikunu pprovduti rekords għal kull kombinazzjoni tal-varjabbli li jikklassifikaw. Ir-rekords kollha, fejn ma sseħħx il-kombinazzjoni, għandhom jintbagħtu b'sett ta' valuri ta' 0 (żero). Madankollu kwalunkwe rekord li għalih ma' tkunx disponibbli *data* għandu jkun ipprovdut bil-valur ikkodifikat b'mod xieraq bħala nieqes (ikkodifikat bl-ittra "M"). Il-valuri neqsin se jkollhom jiġu spjegati fir-rapport ta' kwalità; pereżempju, jistgħu jkunu r-riżultat tal-metodi li ntużaw. Huwa importanti li ssir distinzjoni bejn żerijiet reali u valuri neqsin, peress li b'*data* nieqsa ma jista' jiġi kkalkulat l-ebda aggregat. Jekk kombinazzjoni ma tkunx possibbli minħabba raġunijiet loġiċi, iċ-ċellula għandha tkun ipprovduta b'kodiċi "L"; dan ikun il-każ, pereżempju, għat-tjun ta' l-effluwenti industrijali ġġenerati mid-djar. Sabiex ikunu ffaċilitati l-kontrolli tal-konsistena u l-korrezzjoni ta' l-iżbalji anki t-totali għandhom jiġu trażmessi.

### Il-kunfidenzjalità

Id-*data* kunfidenzjali għandha tkun trażmessa, immarkata b'mod xieraq bħala kunfidenzjali. Dak li għandu jitqies bħala kunfidenzjali huwa bbażat fuq politika nazzjonali ta' kunfidenzjalità. B'mod ġenerali, l-informazzjoni tista' tkun kunfidenzjali jekk l-identità tal-fornitur ta' l-informazzjoni tista' tiġi żvelata. Dan huwa l-każ jekk l-informazzjoni tkun ibbażata fuq parteċipant wieħed jew tnejn, jew jekk parteċipant wieħed jew tnejn jiddomina d-*data*. Id-*data* mill-awtoritajiet pubbliċi ġeneralment ma titqiesx bħala kunfidenzjali.

Barra minn hekk, għandha tiġi indikata l-kunfidenzjalità sekondarja. Il-kunfidenzjalità sekondarja għandha tkun applikata b'tali mod li t-totali/s-sottototali jibqgħu disponibbli għall-pubblikazzjoni. Il-Kummissjoni (il-Eurostat) se tuża l-informazzjoni kunfidenzjali sabiex tikkalkula l-aggregati (ta' l-UE) mingħajr ma tiżvela informazzjoni kunfidenzjali fuq il-livell tal-pajjiż.

**Il-qisien**

L-oqsma meħtieġa huma alfa-numeruċi, jiġifieri m'għandhomx jinkludu separaturi jew simboli deċimali, ħlief għall-valur tad-*data*. L-ammonti ta' l-iskart huma espressi f'1 000 ta' tunnellati metriċi fis-sena, bi 3 pożizzjonijiet deċimali. Il-virgola għandha tintuża bħala simbolu deċimali. Il-metodu ta' stima mhux dejjem se jippermetti l-preċiżjoni ta' tliet numri. F'dak il-każ, il-valur għandu jingħata bin-numri sinifikanti biss. Għall-kategoriji kollha ta' l-iskart, l-ammont huwa bbażat fuq skart imxarrab (normali), għall-ġenerazzjoni tat-tajn (l-elementi ta' l-iskart 11, 12, 40) l-ammont jiġi kkalkulat ukoll f'1 000 ta' tunnellati metriċi ta' materja niexfa. Barra minn hekk, fis-settijiet tat-trattament ta' l-iskart, it-tajn irid jitkejjel kemm bħala skart imxarrab (normali) kif ukoll bħala materja niexfa. Dan se jiġi applikat biss fejn it-tajn ikun element separat; dan isir għat-tjun komuni (l-element 12) fis-sett ta' l-inċinerazzjoni u tar-rimi.

In-numru ta' faċilitajiet tat-trattament ta' l-iskart jiġi espress bħala numru sħiħ. Jintużaw diversi qisien sabiex tkun deskritta l-kapaċità tat-trattament ta' l-iskart li tiddependi fuq it-tip ta' operat ta' rkupru jew ta' rimi (ara l-lista I). Sabiex tittejjeb il-paragunabbiltà, huwa preferibbli li l-kapaċità ta' l-inċinerazzjoni tingħata f'1 000 ta' tunnellati metriċi. Il-pajjiżi li jistgħu jipprovdu wkoll il-kapaċità ta' l-inċinerazzjoni f'terajoules ($10^{12}$ joules) huma mistienda jagħmlu dan. Il-pajjiżi li ma jistgħux jipprovdu l-kapaċità ta' l-inċinerazzjoni f'terajoules għandhom jirrapportaw il-valur bħala nieqes (billi jużaw il-kodiċi "M"). Il-kapaċità ta' l-irkupru titkejjel f'eluf ta' tunnellati metriċi. Il-kapaċità tar-rimi trid tiġi rrapportata wkoll jew f'metri kubi jew f'tunnellati metriċi, jiddependi mit-tip ta' rimi. Il-valuri li jitkejlu f'eluf ta' tunnellati metriċi biss jiġu pprovdut bħala numru reali bi tliet pożizzjonijiet deċimali, il-valuri l-oħra kollha għandhom jiġu pprovduti bħala numri sħaħ.

Il-kopertura ta' l-iskema ta' ġbir għal skart tad-djar u simili mħallat għandha tkun irrapportata jew bħala perċentwali tal-popolazzjon jew bħala perċentwali tad-djar.

**Ir-reviżjonijiet**

Is-settijiet għandhom jintbagħtu f'fajls separati li jkunu jinkludu r-rekords kollha. Pereżempju, is-sett dwar il-ġenerazzjoni ta' l-iskart jinkludi 51 kategorija ta' l-iskart skond 21 grupp tan-NACE imkejla fi skart imxarrab u tliet kategoriji ta' l-iskart skond 21 grupp tan-NACE imkejla f'materja niexfa. Is-sett jinkludi 1 134 rekord

Barra minn hekk, id-*data* riveduta għandha tintbagħat f'sett komplut, biċ-ċelluli riveduti jiġu mmarkati b'mod xieraq (R). Id-*data* provviżorja tiġi mmarkata b'marka ta' aġġornament P. Id-*data* provviżorja dejjem teħtieġ reviżjoni. Kemm id-*data* provviżorja kif ukoll dik riveduta teħtieġ spjegazzjoni fir-rapport ta' kwalità.

**Is-sett 1: Il-ġenerazzjoni ta' l-iskart**

| Il-qasam | It-tul massimu | Il-valuri |
|---|---|---|
| Is-settur | 8 | Valur: WASTE |
| Is-sett | 6 | Valur: GENER (is-sett jikkonsisti f'51 × 21 rekords imkejla fi skart imxarrab u fi 3 × 21 imkejla f'materja niexfa għal kull pajjiż) |
| Il-kodiċi tal-pajjiż | 2 | Il-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri (ara l-lista A) |
| Is-sena | 4 | Is-sena ta' referenza (l-ewwel sena ta' referenza: 2004) |
| L-element ta' l-iskart | 2 | Il-kodiċi tirreferi għall-EWC-Stat verżjoni 3 (ara l-lista B) |
| L-element ta' l-attività | 2 | Il-kodiċi tirreferi għan-NACE (ara l-lista C) |
| Imxarrab/Niexef | 1 | Għall-kategoriji kollha ta' skart l-ammont fi skart imxarrab (normali) (kodiċi W); għat-tajn (l-elementi ta' l-iskart 11, 12, 40) anki l-ammont f'materja niexfa (kodiċi D) |
| L-iskart iġġenernat | 12 | L-ammont f'1 000 ta' tunnellati metriċi fis-sena. L-ammont jingħata bħala reali bi tliet postijiet deċimali. Il-virgola għandha tintuża bħala simbolu deċimali. Pereżempju: 19,876. Dan il-qasam dejjem għandu jinkludi valur. Jekk il-kombinazzjoni ma seħħitx il-valur se jkun ta' 0 (żero). Id-*data* nieqsa għandha tkun ikkodifikata bħala "M". L-impossibbiltà loġika ta' kombinazzjoni tiġi indikata b' "L" |
| Il-marka ta' aġġornament | 1 | Biex tkun indikata *data* provviżorja (P) jew *data* riveduta (R), mill-bqija tibqa' battala |
| Il-marka ta' kunfidenzjalità | 1 | Tindika *data* kunfidenzjali (ara l-lista D) |

### Is-sett 2: L-inċinerazzjoni

| Il-qasam | It-tul massimu | Il-valuri |
|---|---|---|
| Is-settur | 8 | Valur: WASTE |
| Is-sett | 6 | Valur: INCIN (is-sett jikkonsisti fi 17 × 2 rekords imkejla fi skart imxarrab u f'1 × 2 imkejla f'materja niexfa għal kull reġjun tan-NUTS 1) |
| Il-kodiċi tal-pajjiż | 2 | Il-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri (ara l-lista A) |
| Is-sena | 4 | Is-sena ta' referenza (l-ewwel sena ta' referenza: 2004) |
| Il-kodiċi NUTS 1 | 3 | Il-kodiċi reġjonali skond il-klassifikazzjoni tan-NUTS fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]); it-total nazzjonali għandha tkun ipprovduta billi tintuża l-kodiċi TT |
| L-element ta' l-iskart | 2 | Il-kodiċi tirreferi għall-EWC-Stat verżjoni 3 (ara l-lista E) |
| L-operat ta' rkupru jew ta' rimi | 1 | Il-kodiċi tirreferi għall-Annessi għad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE ([2])(ara l-lista F); f'dan is-sett japplikaw biss il-proċessi 1 u 2 |
| Imxarrab/Niexef | 1 | Għall-kategoriji kollha ta' skart l-ammont fi skart imxarrab (normali) (kodiċi W); għat-tajn (l-element ta' l-iskart 12) anki l-ammont f'materja niexfa (kodiċi D) |
| L-iskart maħruq | 12 | L-ammont f'1 000 ta' tunnellati metriċi fis-sena. L-ammont jingħata bħala reali bi tliet postijiet deċimali. Il-virgola għandha tintuża bħala simbolu deċimali. Pereżempju: 19,876. Dan il-qasam dejjem għandu jinkludi valur. Jekk il-kombinazzjoni ma seħħitx il-valur se jkun ta' 0 (żero). Id-*data* nieqsa għandha tkun ikkodifikata bħala "M". L-impossibbiltà loġika ta' kombinazzjoni tiġi indikata b' "L" |
| Il-marka ta' aġġornament | 1 | Biex tkun indikata *data* provviżorja (P) jew *data* riveduta (R), mill-bqija tibqa' battala |
| Il-marka ta' kunfidenzjalità | 1 | Tindika *data* kunfidenzjali (ara l-lista D) |

([1]) ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1.

([2]) ĠU L 194, 25.7.1975, p. 39. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

### Is-sett 3: Il-proċessi li jistgħu jwasslu għal irkupru (eskluż l-irkupru ta' l-enerġija)

| Il-qasam | It-tul massimu | Il-valuri |
|---|---|---|
| Is-settur | 8 | Valur: WASTE |
| Is-sett | 6 | Valur: RECOV (is-sett jikkonsisti f'20 rekord għal kull reġjun tan-NUTS 1) |
| Il-kodiċi tal-pajjiż | 2 | Il-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri (ara l-lista A) |
| Is-sena | 4 | Is-sena ta' referenza (l-ewwel sena ta' referenza: 2004) |
| Il-kodiċi NUTS 1 | 3 | Il-kodiċi reġjonali skond il-klassifikazzjoni tan-NUTS fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003; it-total nazzjonali għandha tkun ipprovduta billi tintuża l-kodiċi TT |
| L-element ta' l-iskart | 2 | Il-kodiċi tirreferi għall-EWC-Stat verżjoni 3 (ara l-lista G) |
| L-operat ta' rkupru jew ta' rimi | 1 | Il-kodiċi tirreferi għall-Annessi għad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE (ara l-lista F); f'dan is-sett japplika biss l-operat 3 |
| Imxarrab/Niexef | 1 | Għall-kategoriji kollha ta' skart l-ammont fi skart imxarrab (normali) (kodiċi W) |
| L-iskart irkuprat | 12 | L-ammont f'1 000 ta' tunnellati metriċi fis-sena. L-ammont jingħata bħala reali bi tliet postijiet deċimali. Il-virgola għandha tintuża bħala simbolu deċimali. Pereżempju: 19,876. Dan il-qasam dejjem għandu jinkludi valur. Jekk il-kombinazzjoni ma seħħitx il-valur se jkun ta' 0 (żero). Id-*data* nieqsa għandha tkun ikkodifikata bħala "M". L-impossibbiltà loġika ta' kombinazzjoni tiġi indikata b' "L" |
| Il-marka ta' aġġornament | 1 | Biex tkun indikata *data* provviżorja (P) jew *data* riveduta (R), mill-bqija tibqa' battala |
| Il-marka ta' kunfidenzjalità | 1 | Tindika *data* kunfidenzjali (ara l-lista D) |

**Is-sett 4: Ir-rimi (għajr l-inċinerazzjoni)**

| Il-qasam | It-tul massimu | Il-valuri |
|---|---|---|
| Is-settur | 8 | Valur: WASTE |
| Is-sett | 6 | Valur: DISPO (is-sett jikkonsisti fi 19 × 2 rekords imkejla fi skart imxarrab u f'1 × 2 imkejla f'materja niexfa għal kull reġjun tan-NUTS 1) |
| Il-kodiċi tal-pajjiż | 2 | Il-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri (ara l-lista A) |
| Is-sena | 4 | Is-sena ta' referenza (l-ewwel sena ta' referenza: 2004) |
| Il-kodiċi NUTS 1 | 3 | Il-kodiċi reġjonali skond il-klassifikazzjoni tan-NUTS fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003; it-total nazzjonali għandha tkun ipprovduta billi tintuża l-kodiċi TT |
| L-element ta' l-iskart | 2 | Il-kodiċi tirreferi għall-EWC-Stat verżjoni 3 (ara l-lista H) |
| L-operat ta' rkupru jew ta' rimi | 1 | Il-kodiċi tirreferi għall-Annessi għad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE (ara l-lista F); f'dan is-sett japplikaw biss il-proċessi 4 u 5 |
| Imxarrab/Niexef | 1 | Għall-kategoriji kollha ta' skart l-ammont fi skart imxarrab (normali) (kodiċi W); għat-tajn (l-element ta' l-iskart 12) anki l-ammont f'materja niexfa (kodiċi D) |
| L-iskart mormi | 12 | L-ammont f'1 000 ta' tunnellati metriċi fis-sena. L-ammont jingħata bħala reali bi tliet postijiet deċimali. Il-virgola għandha tintuża bħala simbolu deċimali. Pereżempju: 19,876. Dan il-qasam dejjem għandu jinkludi valur. Jekk il-kombinazzjoni ma seħħitx il-valur se jkun ta' 0 (żero). Id-*data* nieqsa għandha tkun ikkodifikata bħala "M". L-impossibbiltà loġika ta' kombinazzjoni tiġi indikata b' "L" |
| Il-marka ta' aġġornament | 1 | Biex tkun indikata *data* provviżorja (P) jew *data* riveduta (R), mill-bqija tibqa' battala |
| Il-marka ta' kunfidenzjalità | 1 | Tindika *data* kunfidenzjali (ara l-lista D) |

**Is-sett 5: In-numru u l-kapaċità tal-faċiltajiet ta' rkupru u ta' rimi u l-popolazzjoni li tiġi moqdija mill-iskema ta' ġbir għal kull reġjun**

| Il-qasam | It-tul massimu | Il-valuri |
|---|---|---|
| Is-settur | 8 | Valur: WASTE |
| Is-sett | 6 | Valur: REGIO (is-sett jikkonsisti f'14-il rekord għal kull reġjun tan-NUTS 2) |
| Il-kodiċi tal-pajjiż | 2 | Il-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri (ara l-lista A) |
| Is-sena | 4 | Is-sena ta' referenza (l-ewwel sena ta' referenza: 2004) |
| Il-kodiċi NUTS 2 | 4 | Il-kodiċi reġjonali skond il-klassifikazzjoni tan-NUTS fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003; it-total nazzjonali għandha tiġi pprovduta billi tintuża l-kodiċi TT |
| L-operat ta' rkupru jew ta' rimi | 1 | Il-kodiċi tirreferi għall-Annessi għad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE (ara l-lista F); battala għall-popolazzjoni moqdija mill-iskema ta' ġbir |
| Varjabbli | 1 | In-numru ta' faċilitajiet (N), il-kapaċità (C) jew il-popolazzjoni moqdija mill-iskema ta' ġbir (P) |
| Kejl | 1 | Il-kodiċi għall-kejl tal-kapaċità tiddependi fuq it-tip ta' operat ta' rkupru jew ta' rimi (ara l-lista I); għall-kodiċi tan-numru ta' faċilitajiet N, għall-popolazzjoni moqdija mill-iskema ta' ġbir jew P (popolazzjoni) jew D (djar) |
| Il-valur | 12 | Il-valuri kollha, in-numru ta' faċilitajiet, il-perċentwali tal-popolazzjoni jew tad-djar koperti mill-iskema ta' ġbir u l-kapaċità jiġu espressi bħala numru sħiħ. Dan il-qasam għandu dejjem jinkludi valur. Jekk il-kombinazzjoni ma seħħitx il-valur se jkun ta' 0 (żero). Id-*data* nieqsa għandha tkun ikkodifikata bħala "M". L-impossibbiltà loġika ta' kombinazzjoni tiġi indikata b' "L" |
| Il-marka ta' aġġornament | 1 | Biex tkun indikata *data* provviżorja (P) jew *data* riveduta (R), mill-bqija tibqa' battala |
| Il-marka ta' kunfidenzjalità | 1 | Tindika *data* kunfidenzjali (ara l-lista D) |

**Lista A — Il-kodiċi tal-pajjiżi**

| | |
|---|---|
| Il-Belġju | BE |
| Ir-Repubblika Ċeka | CZ |
| Id-Danimarka | DK |
| Il-Ġermanja | DE |
| L-Estonja | EE |
| Il-Greċja | EL |
| Spanja | ES |
| Franza | FR |
| L-Irlanda | IE |
| L-Italja | IT |
| Ċipru | CY |
| Il-Latvja | LV |
| Il-Litwanja | LT |
| Il-Lussemburgu | LU |
| L-Ungerija | HU |
| Malta | MT |
| L-Olanda | NL |
| L-Awstrija | AT |
| Il-Polonja | PL |
| Il-Portugall | PT |
| Is-Slovenja | SI |
| Ir-Repubblika Slovakka | SK |
| Il-Finlandja | FI |
| L-Iżvezja | SE |
| Ir-Renju Unit | UK |
| Il-Bulgarija | BG |
| Il-Kroazja | HR |
| Ir-Rumanija | RO |
| It-Turkija | TR |
| L-Iżlanda | IS |
| Il-Liechtenstein | LI |
| In-Norveġja | NO |

**Lista B — Il-kategoriji ta' l-iskart**

| EWC-Stat/verżjoni 3 (ĠU L 90, 27.3.2004, p. 15) | | | |
|---|---|---|---|
| Deskrizzjoni | Il-kodiċi | Perikoluż | L-element ta' l-iskart |
| Is-solventi eżawriti | 01.1 | H | 1 |
| L-iskart aċiduż, alkalin jew salin | 01.2 | | 2 |
| L-iskart aċiduż, alkalin jew salin | 01.2 | H | 3 |
| Iż-żjut użati | 01.3 | H | 4 |
| Il-katalizzaturi kimiċi eżawriti | 01.4 | | 5 |
| Il-katalizzaturi kimiċi eżawriti | 01.4 | H | 6 |
| L-iskart tat-tħejjijiet kimiċi | 02 | | 7 |
| L-iskart tat-tħejjijiet kimiċi | 02 | H | 8 |

| EWC-Stat/verżjoni 3 (ĠU L 90, 27.3.2004, p. 15) | | | |
|---|---|---|---|
| Deskrizzjoni | Il-kodiċi | Perikoluż | L-element ta’ l-iskart |
| Id-depożiti u l-fdalijiet kimiċi | 03.1 | | 9 |
| Id-depożiti u l-fdalijiet kimiċi | 03.1 | H | 10 |
| It-tjun ta’ l-effluwenti industrijali | 03.2 | | 11 |
| It-tjun ta’ l-effluwenti industrijali | 03.2 | H | 12 |
| L-iskart mill-kura tas-saħħa u dak bijoloġiku | 05 | | 13 |
| L-iskart mill-kura tas-saħħa u dak bijoloġiku | 05 | H | 14 |
| L-iskart metalliku | 06 | | 15 |
| L-iskart metalliku | 06 | H | 16 |
| L-iskart tal-ħġieġ | 07.1 | | 17 |
| L-iskart tal-ħġieġ | 07.1 | H | 18 |
| L-iskart tal-karta u l-kartun | 07.2 | | 19 |
| L-iskart tal-lastku | 07.3 | | 20 |
| L-iskart tal-plastik | 07.4 | | 21 |
| L-iskart ta’ l-injam | 07.5 | | 22 |
| L-iskart ta’ l-injam | 07.5 | H | 23 |
| L-iskart tessili | 07.6 | | 24 |
| L-iskart li jinkludi l-PCB | 07.7 | H | 25 |
| It-tagħmir skartat (għajr il-vetturi skartati u l-iskart tal-batteriji u ta’ l-akkumulaturi) | 08 (għajr 08.1, 08.41) | | 26 |
| It-tagħmir skartat (għajr il-vetturi skartati u l-iskart tal-batteriji u ta’ l-akkumulaturi) | 08 (għajr 08.1, 08.41) | H | 27 |
| Il-vetturi skartati | 08.1 | | 28 |
| Il-vetturi skartati | 08.1 | H | 29 |
| L-iskart tal-batteriji u ta’ l-akkumulaturi | 08.41 | | 30 |
| L-iskart tal-batteriji u ta’ l-akkumulaturi | 08.41 | H | 31 |
| L-iskart mill-annimali u mill-ħxejjex ta’ l-ikel (għajr l-iskart ta’ l-annimali mit-tħejjijiet u mill-prodotti ta’ l-ikel; u għajr il-ħmieġ intestinali, l-urina u d-demel ta’ l-annimali) | 09 (għajr 09.11, 09.3) | | 32 |
| L-iskart ta’ l-annimali mit-tħejjijiet u l-prodotti ta’ l-ikel | 09.11 | | 33 |
| Il-ħmieġ intestinali, l-urina u d-demel ta’ l-annimali | 09.3 | | 34 |
| L-iskart tad-djar u simili | 10.1 | | 35 |
| Il-materjali mħallta u mhux iddifferenzjati | 10.2 | | 36 |
| Il-materjali mħallta u mhux iddifferenzjati | 10.2 | H | 37 |
| Il-fdalijiet mill-għażil | 10.3 | | 38 |
| Il-fdalijiet mill-għażil | 10.3 | H | 39 |

| EWC-Stat/verżjoni 3 (ĠU L 90, 27.3.2004, p. 15) | | | |
|---|---|---|---|
| Deskrizzjoni | Il-kodiċi | Perikoluż | L-element ta' l-iskart |
| It-tjun komuni (għajr il-fdalijiet mill-qligħ tal-ħama) | 11 (għajr 11.3) | | 40 |
| Il-fdalijiet mill-qligħ tal-ħama | 11.3 | | 41 |
| L-iskart minerali (għajr l-iskart mill-kombustjoni, il-ħamrija kkontaminata u r-rimi mniġġeż mill-qligħ tal-ħama) | 12 (għajr 12.4, 12.6) | | 42 |
| L-iskart minerali (għajr l-iskart mill-kombustjoni, il-ħamrija kkontaminata u r-rimi mniġġeż mill-qligħ tal-ħama) | 12 (għajr 12.4, 12.6) | H | 43 |
| L-iskart mill-kombustjoni | 12.4 | | 44 |
| L-iskart mill-kombustjoni | 12.4 | H | 45 |
| Il-ħamrija kkontaminata u r-rimi mniġġeż mill-qligħ tal-ħama | 12.6 | H | 46 |
| L-iskart issolidifikat, stabbilizzat jew ivvitrifikat | 13 | | 47 |
| L-iskart issolidifikat, stabbilizzat jew ivvitrifikat | 13 | H | 48 |
| Total, mhux perikoluż | | | TN |
| Total, perikoluż | | H | TH |
| Total, ġenerali | | | TT |

**Lista C-L-element ta' l-attività**

| Il-kategorija tan-NACE rev 1.1 (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90) (1) | Deskrizzjoni | L-element ta' l-attività |
|---|---|---|
| A | L-agrikoltura, il-kaċċa u l-forestrija | 1 |
| B | Is-sajd | 2 |
| C | It-tħaffir tal-minjieri u tal-barrieri | 3 |
| DA | Il-fabbrikazzjoni tal-prodotti ta' l-ikel, tax-xorb u tat-tabakk | 4 |
| DB+DC | Il-fabbrikazzjoni tat-tessili u tal-prodotti tessili<br>Il-fabbrikazzjoni tal-ġild u tal-prodotti mill-ġild | 5 |
| DD | Il-fabbrikazzjoni ta' l-injam u tal-prodotti mill-injam | 6 |
| DE | Il-fabbrikazzjoni tal-polpa, tal-karta u tal-prodotti mill-karta; il-pubblikazzjoni u l-istampar | 7 |
| DF | Il-fabbrikazzjoni tal-kokk, tal-prodotti rraffinati mill-petroleum u tal-karburant nukleari | 8 |
| DG+DH | Il-fabbrikazzjoni tal-kimiċi, tal-prodotti kimiċi, tal-fibri magħmula mill-bniedem<br>Il-fabbrikazzjoni tal-lastku u tal-prodotti mill-plastik | 9 |
| DI | Il-fabbrikazzjoni ta' prodotti oħra minerali mhux metalliċi | 10 |
| DJ | Il-fabbrikazzjoni tal-metalli bażiċi u tal-prodotti ffabbrikati mill-metall | 11 |
| DK+DL+DM | Il-fabbrikazzjoni tal-makkinarju u tat-tagħmir n.e.c.<br>Il-fabbrikazzjoni tat-tagħmir elettriku u ottiku<br>Il-fabbrikazzjoni tat-tagħmir tat-trasport | 12 |
| DN (għajr 37) | Il-fabbrikazzjoni n.e.c. | 13 |
| E | Il-provvista ta' l-elettriku, tal-gass, u ta' l-ilma | 14 |

| Il-kategorija tan-NACE rev 1.1 (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90) ([1]) | Deskrizzjoni | L-element ta' l-attività |
|---|---|---|
| F | Il-kostruzzjoni | 15 |
| G-Q (għajr 51.57 u 90) | Attivitajiet ekonomiċi oħrajn (servizzi) | 16 |
| 37 | Ir-riċiklaġġ | 17 |
| 51.57 | Il-bejgħ bl-ingrossa ta' l-iskart u tar-ruttam | 18 |
| 90 | Ir-rimi tad-drenaġġ u taż-żibel, is-sanità u attivitajiet simili | 19 |
| HH | L-iskart iġġenerat mid-djar | 20 |
| Total | | TA |

([1]) ĠU L 293, 24.10.1990, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**Lista D — Il-marka ta' kunfidenzjalità**

| | | |
|---|---|---|
| Ftit wisq intrapriżi | A | Pereżempju, intrapriża waħda jew żewġ intrapriżi fil-popolazzjoni |
| Intrapriża waħda tiddomina d-*data* | B | Mhux ftit wisq intrapriżi, imma intrapriża waħda tiġġenera/tittratta, pereżempju, aktar minn 70 % |
| Żewġ intrapriżi jiddominaw id-*data* | C | Mhux ftit wisq intrapriżi, imma żewġ intrapriżi jiġġeneraw/jittrattaw, pereżempju, aktar minn 70 % |
| *Data* kunfidenzjali minħabba kunfidenzjalità sekondarja | D | Mhix kunfidenzjali *per se* (marka A, B, C), imma biex tipprevjeni żvelar indirett ta' *data* kunfidenzjali |
| Il-valur mhux kunfidenzjali | Battala | |

**Lista E — Il-kategoriji ta' l-iskart għallinċinerazzjoni**

| L-element ta' l-iskart | EWC-Stat Verżjoni 3 (ĠU L 90, 27.3.2004, p. 15) | | Skart Perikoluż/ Mhux Perikoluż |
|---|---|---|---|
| | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | |
| 1 | 01 + 02 + 03 | L-iskart kimiku<br>(L-iskart tal-komposti kimiċi + L-iskart tat-tħejjijiet kimiċi + Skart ieħor kimiku) | Mhux Perikoluż |
| 2 | 01 + 02 + 03 għajr 01.3 | L-iskart kimiku għajr iż-Żjut użati<br>(L-iskart tal-komposti kimiċi + L-iskart tat-tħejjijiet kimiċi + Skart ieħor kimiku) | Perikoluż |
| 3 | 01.3 | Iż-żjut użati | Perikoluż |
| 4 | 05 | L-iskart mill-kura tas-saħħa u dak bijoloġiku | Mhux Perikoluż |
| 5 | 05 | L-iskart mill-kura tas-saħħa u dak bijoloġiku | Perikoluż |
| 6 | 07.7 | L-iskart li jinkludi l-PCB | Perikoluż |
| 7 | 10.1 | L-iskart tad-djar u simili | Mhux Perikoluż |
| 8 | 10.2 | Il-materjali mħallta u mhux iddifferenzjati | Mhux Perikoluż |
| 9 | 10.2 | Il-materjali mħallta u mhux iddifferenzjati | Perikoluż |
| 10 | 10.3 | Il-fdalijiet mill-għażil | Mhux Perikoluż |
| 11 | 10.3 | Il-fdalijiet mill-għażil | Perikoluż |

| L-element ta' l-iskart | EWC-Stat Verżjoni 3 (ĠU L 90, 27.3.2004, p. 15) | | Skart Perikoluż/ Mhux Perikoluż |
|---|---|---|---|
| | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | |
| 12 | 11 | It-tjun komuni | Mhux Perikoluż |
| 13 | 06 + 07 + 08 + 09 + 12 + 13 | Skart ieħor (L-iskart metalliku + L-iskart mhux metalliku + It-tagħmir skartat + L-iskart mill-annimali u mill-ħxejjex ta' l-ikel + L-iskart minerali + L-iskart issolidifikat, stabbilizzat jew ivvitrifikat) | Mhux Perikoluż |
| 14 | 06 + 07 + 08 + 09 + 12 + 13 għajr 07.7 | Skart ieħor (L-iskart metalliku + L-iskart mhux metalliku għajr L-iskart li jinkludi l-PCB + It-tagħmir skartat + L-iskart mill-annimali u mill-ħxejjex ta' l-ikel + L-iskart minerali + L-iskart issolidifikat, stabbilizzat jew ivvitrifikat) | Perikoluż |
| TN | | Total, mhux perikoluż | Mhux Perikoluż |
| TH | | Total, perikoluż | Perikoluż |
| TT | | Total, ġenerali | |

**List F — Il-proċessi ta' Rkupru u ta' Rimi; il-kodiċijiet jirreferu għall-kodiċijiet fl-Annessi għad-Direttiva 75/442/KEE**

| L-operat | Il-kodiċi | It-tipi ta' proċessi ta' rkupru u ta' rimi |
|---|---|---|
| L-inċinerazzjoni | | |
| 1 | R1 | Użu prinċipalment bħala karburant jew mezzi oħra sabiex jiġġeneraw l-enerġija |
| 2 | D10 | L-inċinerazzjoni fuq l-art |
| Il-proċessi li jistgħu jwasslu għal irkpuru (għajr l-irkupru ta' l-enerġija) | | |
| 3 | R2 + | Ir-riklamazzjoni/riġenerazzjoni tas-solventi |
| | R3 + | Ir-riċiklaġġ/riklamazzjoni ta' sustanzi organiċi li ma jintużawx bħala solventi (inklużi l-ikkompostjar u proċessi ta' trasformazzjoni bijoloġika oħra) |
| | R4 + | Ir-riċiklaġġ/riklamazzjoni tal-metalli u tal-komposti tal-metalli |
| | R5 + | Ir-riċiklaġġ/riklamazzjoni ta' materjali inorganiċi oħra |
| | R6 + | Ir-riġenerazzjoni ta' l-aċidi jew tal-bażijiet |
| | R7 + | L-irkupru tal-komponenti użati għat-taffija tat-tniġġiż |
| | R8 + | L-irkupru tal-komponenti mill-katalizzaturi |
| | R9 + | Ir-raffinazzjoni taż-żjut jew użi oħra mill-ġdid taż-żjut |
| | R10 + | It-trattament ta' l-art li jirriżulta f'benefiċċju għall-agrikoltura jew f'titjib ekoloġiku |
| | R11 | L-użu ta' l-iskart miksub minn kwalunkwe wieħed mill-proċessi innumerati R1 sa R10 |
| Il-proċessi ta' rimi | | |
| 4 | D1 + | Id-depożitu ġewwa l-art jew fuqha (eż. miżbla, eċċ.) |
| | D3 + | L-injezzjoni fil-fond (eż. l-injezzjoni ta' skart li jista' jiġi ppompjat fi bjar, f'koppli taħt l-art tal-melħ jew f'depożiti li jseħħu b'mod naturali, eċċ.) |
| | D4 + | Iż-żamma jew il-ġbir ta' l-ilma fis-superfiċje (eż. it-tqegħid ta' skart likwidu jew tat-tajn f'ħofor, postijiet magħluqa jew laguni, eċċ.) |
| | D5 + | Miżbliet ippjanati b'mod speċjali (eż. it-tqegħid f'ċelluli separati allinjati li jkunu mgħottija u iżolati minn xulxin u mill-ambjent, eċċ.) |
| | D12 | Il-ħażna permanenti (eż. it-tqegħid tal-kontenituri f'minjiera, eċċ) |

| L-operat | Il-kodiċi | It-tipi ta’ proċessi ta’ rkupru u ta’ rimi |
|---|---|---|
| 5 | D2 + | It-trattament ta’ l-art (eż. il-bijodegradazzjoni ta’ skart likwidu jew ta’ tajn fil-ħamrija, eċċ.) |
| | D6 + | Ir-rilaxx f’korp ta’ ilma għajr l-ibħra/oċeani |
| | D7 | Ir-rilaxx fl-ibħra/oċeani inkluż it-tidħil fis-saff ta’ qiegħ il-baħar |

**List G — Il-kategoriji ta’ l-iskart għall-operazzjonjiet li jistgħu jwasslu għal irkupru (għajr l-irkupru ta’ l-enerġija)**

| L-element ta’ l-iskart | EWC-Stat Verżjoni 3 (ĠU L 90, 27.3.2004, p. 15) | | Skart Perikoluż/Mhux Perikoluż |
|---|---|---|---|
| | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | |
| 1 | 01.3 | Iż-żjut użati | Perikoluż |
| 2 | 06 | L-iskart metalliku | Mhux Perikoluż |
| 3 | 06 | L-iskart metalliku | Perikoluż |
| 4 | 07.1 | L-iskart tal-ħġieġ | Mhux Perikoluż |
| 5 | 07.1 | L-iskart tal-ħġieġ | Perikoluż |
| 6 | 07.2 | L-iskart tal-karta u tal-kartun | Mhux Perikoluż |
| 7 | 07.3 | L-iskart tal-lastku | Mhux Perikoluż |
| 8 | 07.4 | L-iskart tal-plastik | Mhux Perikoluż |
| 9 | 07.5 | L-iskart ta’ l-injam | Mhux Perikoluż |
| 10 | 07.6 | L-iskart tessili | Mhux Perikoluż |
| 11 | 09 għajr 09.11, 09.3 | L-iskart mill-annimali u mill-ħxejjex ta’ l-ikel<br>(għajr l-iskart ta’ l-annimali mit-tħejjijiet u mill-prodotti ta’ l-ikel; u l-ħmieġ intestinali, l-urina u d-demel ta’ l-annimali) | Mhux Perikoluż |
| 12 | 09.11 | L-iskart ta’ l-annimali mit-tħejjijiet u mill-prodotti ta’ l-ikel | Mhux Perikoluż |
| 13 | 09.3 | Il-ħmieġ intestinali, l-urina u d-demel ta’ l-annimali | Mhux Perikoluż |
| 14 | 12 | L-iskart minerali | Mhux Perikoluż |
| 15 | 12 | L-iskart minerali | Perikoluż |
| 16 | 01 + 02 + 03 + 05 + 08 + 10 + 11 + 13 | Skart ieħor<br>(L-iskart tal-komposti kimiċi + L-iskart tat-tħejjijiet kimiċi + Skart kimiku ieħor + L-iskart mill-kura tas-saħħa u dak bijoloġiku + It-tagħmir skartat + L-iskart imħallat ordinarju + It-tjun komuni + L-iskart issolidifikat, stabbilizzat jew ivvitrifikat) | Mhux Perikoluż |
| 17 | 01 + 02 + 03 + 05 + 07.5 + 07.7 + 08 + 10 + 11 + 13 għajr 01.3 | Skart ieħor<br>(L-iskart tal-komposti kimiċi għajr iż-Żjut użati + L-iskart tat-tħejjijiet kimiċi + Skart kimiku ieħor + L-iskart mill-kura tas-saħħa u dak bijoloġiku + L-iskart ta’ l-injam + L-iskart li jinkludi l-PCB + It-tagħmir skartat + L-iskart imħallat ordinarju + It-tjun komuni + L-iskart issolidifikat, stabbilizzat jew ivvitrifikat) | Perikoluż |
| TN | | Total, mhux perikoluż | Mhux Perikoluż |
| TH | | Total, perikoluż | Perikoluż |
| TT | | Total, ġenerali | |

**List H — Il-kategorji ta' l-iskart għar-rimi (għajr l-inċinerazzjoni)**

| In-Nru. ta' l-element | EWC-Stat Verżjoni 3 (ĠU L 90, 27.3.2004, p. 15) | | Skart Perikoluż/Mhux Perikoluż |
|---|---|---|---|
| | Il-kodiċi | Deskrizzjoni | |
| 1 | 01 + 02 + 03 | L-iskart kimiku<br>(L-iskart tal-komposti kimiċi + L-iskart tat-tħejjijiet kimiċi + Skart kimiku ieħor) | Mhux Perikoluż |
| 2 | 01 + 02 + 03 għajr 01.3 | L-iskart kimiku għajr iż-Żjut użati<br>(L-iskart tal-komposti kimiċi + L-iskart tat-tħejjijiet kimiċi + Skart kimiku ieħor) | Perikoluż |
| 3 | 01.3 | Iż-żjut użati | Perikoluż |
| 4 | 09 għajr 09.11, 09.3 | L-iskart mill-annimali u mill-ħxejjex ta' l-ikel<br>(għajr l-iskart ta' l-annimali mit-tħejjijiet u mill-prodotti ta' l-ikel; u l-ħmieġ intestinali, l-urina u d-demel ta' l-annimali) | Mhux Perikoluż |
| 5 | 09.11 | L-iskart ta' l-annimali mit-tħejjijiet u mill-prodotti ta' l-ikel | Mhux Perikoluż |
| 6 | 09.3 | Il-ħmieġ intestinali, l-urina u d-demel ta' l-annimali | Mhux Perikoluż |
| 7 | 10.1 | L-iskart tad-djar u simili | Mhux Perikoluż |
| 8 | 10.2 | Il-materjali mħallta u mhux iddifferenzjati | Mhux Perikoluż |
| 9 | 10.2 | Il-materjali mħallta u mhux iddifferenzjati | Perikoluż |
| 10 | 10.3 | Il-fdalijiet mill-għażil | Mhux Perikoluż |
| 11 | 10.3 | Il-fdalijiet mill-għażil | Perikoluż |
| 12 | 11 | It-tjun komuni | Mhux Perikoluż |
| 13 | 12 | L-iskart minerali | Mhux Perikoluż |
| 14 | 12 | L-iskart minerali | Perikoluż |
| 15 | 05 + 06 + 07 + 08 + 13 | Skart ieħor<br>(L-iskart mill-kura tas-saħħa u dak bijoloġiku + L-iskart metalliku + L-iskart mhux metalliku + It-tagħmir skartat + L-iskart issolidifikat, stabbilizzat jew ivvitrifikat) | Mhux Perikoluż |
| 16 | 05 + 06 + 07 + 08 + 13 | Skart ieħor<br>(L-iskart mill-kura tas-saħħa u dak bijoloġiku + L-iskart metalliku + L-iskart mhux metalliku + It-tagħmir skartat + L-iskart issolidifikat, stabbilizzat jew ivvitrifikat) | Perikoluż |
| TN | | Total, mhux perikoluż | Mhux Perikoluż |
| TH | | Total, perikoluż | Perikoluż |
| TT | | Total, ġenerali | |

**Lista I — Il-qies tal-kapaċità**

| L-operat | Il-qies tal-kapaċità | Il-kodiċi tal-qies |
|---|---|---|
| 1 | 1 000 ta' tunnellati metriċi fis-sena bi tliet deċimali | t |
| | Terajoules fis-sena ($10^{12}$) | j |
| 2 | 1 000 ta' tunnellati metriċi fis-sena bi tliet deċimali | t |
| | Terajoules fis-sena ($10^{12}$) | j |
| 3 | 1 000 ta' tunnellati metriċi fis-sena bi tliet deċimali | t |
| 4 | Metri kubi fis-sena | m |
| 5 | 1 000 ta' tunnellati metriċi fis-sena bi tliet deċimali | t |